MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2009

Rikors Numru. 39/2008

**Mourad Mabrouk.**

**-vs-**

**Ministru għall-Ġustizzja u Affarijiet Interni;**
**Principal Immigration Officer.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ippreżentat fit-18 ta' Lulju, 2008 li permezz tiegħu r-rikorrent espona bir-rispett:

Illi l-esponent, li huwa Libjan, wasal Malta fis-sena 2002.

Illi fis-26 ta' Marzu, 2002 huwa żżewweġ hawn Malta lil Romina Mabrouk u ngħata *Exempt Person Status.*

Illi miż-żwieġ tagħhom twieldet tifla bl-isem Samira Mabrouk, li għandha ħames snin.

Illi r-rikorrent u martu sseparaw minn xulxin b'kuntratt pubbliku ta' l-4 ta' Diċembru, 2006 fl-atti tan-Nutar Pubbliku Christian Zammit.

Illi sussegwentement itteħidlu l-*Exempt Person Status* allegatament peress li ma baqax jgħix ma' martu.

Illi fis-sena 2007 inħareġ Ordni ta' Tneħħija (*Removal Order*) kontra r-rikorrent peress li huwa nstab ħati ta' reat punibbli bi priġunerija għal sena jew aktar.

Illi r-rikorrent appella mill-imsemmi Ordni ta' Tneħħija u l-appell tiegħu jinsab pendenti quddiem l-*Immigration Appeals Board*.

Illi r-rikorrent jinsab rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli, Attard għall-kura psikoloġika.

Illi t-teħid ta' l-*Exempt Person Status* u t-tneħħija eventwali tiegħu minn Malta jivvjolaw id-drittijiet fundamentali tiegħu.

Illi jekk huwa jitneħħa minn Malta kif qegħdin jippretendu l-intimati, ir-rikorrent ma jkunx jista' jkollu aċċess għal bintu Samira Mabrouk, u konsegwentement, it-tneħħija tiegħu minn Malta tkun tikkostitwixxi wkoll interferenza mhux ġustifikata fid-dritt tiegħu għall-privatezza u għall-ħajja tal-familja.

Illi b'hekk sejjer jiġi serjament miksur id-dritt tiegħu għal ħajja tal-familja garantit mill-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitlu 319 tal-Liġijiet) dwar id-dritt għall-privatezza u għall-ħajja tal-familja.

Illi t-tneħħija ta' *Exempt Person Status* saret mingħajr ma kellu smigħ xieraq a tenur ta' l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitlu 319 tal-Liġijiet).

Illi minħabba f'hekk ir-rikorrent safa mingħajr rimedju effettiv (Artiklu 13 tal-Kapitlu 319).

Illi barra minn hekk, filwaqt li kien hemm għadd kbir ta' separazzjonijiet simili għal tiegħu, ma ttieħditx l-istess azzjoni li l-*istatus* ta' *Exempt Person* jiġi kkanċellat minn fuq il-passaport tiegħu.

Illi dan jikkostitwixxi trattament diskriminatorju minħabba r-razza, il-post ta' oriġini u t-twemmin.

Illi r-rikorrent ilu ħames snin hawn Malta u ma jridx illi jitneħħa minn Malta, u dan peress li ma teżistix raġuni valida fil-liġi biex jitneħħa minn Malta. Persuni fl-istess ċirkostanzi bħal tiegħu ma sabux l-istess tfixkil biex jeżerċitaw il-jeddijiet tagħhom jew biex ikomplu jgawdu tali jeddijiet.

Illi b'riżultat ta' din id-diskriminazzjoni, ir-rikorrent ġie assoġġettat għal trattament li persuni ta' diskrezzjoni oħra simili ma ġewx suġġetti għalih, u dan bi ksur ta' l-Artiklu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettieq ta' l-Artikli tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (Kapitlu 319 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat ir-risposta tal-konvenut il-Ministeru għall-Ġustizzja u Affarijiet Interni, ippreżentata fit-28 ta' Lulju, 2008, li permezz tiegħu espona bir-rispett:

Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti qiegħed jallega li t-tneħħija ta' l-*Exempt Person Status* allegatament jivvjola d-drittijiet fundamentali tiegħu senjatament l-Artikli 8, 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kapitlu 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-Artiklu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti.

Illi *in linea* preliminari, ir-rikorrent qiegħed jabbuża mill-proċess kostituzzjonali *stante* li huwa qiegħed jadopera proċedura straordinarja bħalma hija l-proċedura odjerna meta kellu a disposizzjoni tiegħu rimedji ordinarji sabiex iħares id-drittijiet pretiżi minnu. F'dan ir-rigward l-esponenti jirreferu għall-Artiklu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* għall-Artiklu 4 (2) tal-Kapitlu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-aġir ta' l-esponenti fil-konfront tar-rikorrent huwa wieħed għal kollox leġittimu. Id-deċiżjoni meħuda hija waħda fit-terminu ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kapitlu 217 tal-Liġijiet ta' Malta) u dan peress illi l-*Exempt Person Status* tapplika biss għall-persuna li *ai termini* tal-paragrafu (g) tas-Sub-artiklu (1) ta' l-Artiklu 4 huwa '*the spouse of any person referred to in any of the foregoing paragraphs and is still married to and living with that person*'.

Illi r-rikorrenti u Romina Mabrouk isseparaw legalment fl-4 ta' Diċembru 2006 iżda, kif ser jiġi ppruvat fil-kawża, ir-rikorrent u Romina Mabrouk kienu ilhom separati *de facto* sa mis-sena 2003 u ma kinux jirrisjedu flimkien għal żmien twil qabel is-separazzjoni tagħhom.

Illi *di piu'*, l-ordni ta' tneħħija tar-rikorrenti nħarġet minħabba li r-rikorrenti huwa immigrant ipprojbit *ai termini* ta' l-Artiklu 5 tal-Kapitlu 217 u dan wara li jinsab ħati minn Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali f'Malta ta' fejn kien ikkundannat għat-terminu ta' priġunerija ta' sena.

**Ebda ksur ta' l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem**

Illi *in linea* preliminari dan l-Artiklu mhux applikabbli *stante* li materja li tirrigwarda għoti jew tneħħija ta' *Exempt Person Status* hija kwistjoni ta' dritt pubbliku u għalhekk ma tikkwalifikax bħala '*dritt jew obbligu ċivili*' għall-finijiet ta' l-istess Artiklu kif jirriżulta ampjament mill-ġurisprudenza kemm nostrali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi r-rikorrenti qiegħed jallega b'mod vag il-vjolazzjoni ta' l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni mingħajr ma jindika ma ressaq ebda allegazzjoni jew ilment f'dan is-sens.

Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost fi kwalunkwe każ l-esponenti ma jistgħux jitqiesu li kisru ebda dritt għal smigħ xieraq tar-rikorrenti. Il-fatt illi l-proċeduri in kwistjoni qed isiru quddiem l-*Immigration Appeals Board* u mhux quddiem Qorti ma jikkostitwixxi ebda lezzjoni ta' drittijiet fundamentali *stante* li dan il-Bord huwa mwaqqaf b'liġi li tissalvagwardja u tipproteġi d-drittijiet *ai termini* tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea.

*Di piu'*, il-kunċett ta' smigħ xieraq jiddependi mill-*iter* proċesswali adoperat fil-kuntest tal-persuna in kwistjoni u *cioe'* dritt li jkun rappreżentat minn avukat, eċċetra. Ma saret ebda allegazzjoni sostanzjata mir-rikorrent f'dan is-sens *oltre* l-fatt li jirriżulta b'mod ċar u inekwivoku li r-rikorrent għandu kull opportunita' li jressaq provi u jagħmel sottomissjonijiet li jidhirlu huma xierqa.

Illi d-deċiżjonijiet mogħtija mill-*Immigration Appeals Board* huma mogħtija minn *Chairman* illi huwa avukat u minn membri li għandhom esperjenza vasta f'dan il-kamp.

Illi *in vista* tas-suespost ma hemm ebda ksur ta' dan l-Artiklu.

**Ebda ksur ta' l-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem**

Illi *in linea* preliminari in kwantu r-rikorrent qed jilmenta li bit-tneħħija ta' l-*Exempt Person Status* huwa ser isofri ksur ta' drittijiet taħt l-Artiklu 8, jiġi rilevat li l-għoti jew it-tneħħija ta' l-*Exempt Person Status* m'huwiex dritt li joħroġ mill-Konvenzjoni Ewropea u għalhekk l-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni ma jistax jiġi nvokat għall-każ odjern.

Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi eċċepit li l-obbligu ta' l-Istat huwa li jirrispetta d-dritt

għall-ħajja familjari u mhux li jikkonċedi d-dritt lil xi persuna li tistabbilixxi jew li tkompli ħajja familjari f'ġurisdizzjoni partikolari jew li tingħata / iżżomm *Exempt Person Status* ta' l-Istat in kwistjoni.

Illi l-Konvenzjoni Ewropea lanqas ma tipproteġi d-dritt ta' persuna li tgħix fi Stat Membru partikolari. B'hekk ir-rikorrent m'għandu ebda raġuni valida taħt il-Konvenzjoni sabiex jippretendi dritt ta' *'family life'* hawn Malta.

Illi l-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni filwaqt illi jenunċja bħala dritt fundamentali d-dritt ta' kulħadd għar-rispett tal-ħajja familjari tiegħu, fis-subinċiż (2) tiegħu jikkontempla l-eċċezzjonijiet, f'liema każijiet huwa permissibbli mill-istess Konvenzjoni li jirrendi legali u leċitu ndħil mill-Istat b'deroga ta' dan id-dritt fundamentali.

Illi *in vista* tas-suespost m'hemm ebda ksur ta' dan l-Artiklu.

**Ebda ksur ta' l-Artiklu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**

Illi l-esponenti jiċħdu kategorikament illi huma trattaw lir-rikorrent b'mod diskriminatorju u għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet tar-rikorrent fuq dan l-Artiklu.

Illi kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża l-esponenti ħadu, qed jieħdu u ser ikomplu jieħdu passi għat-tneħħija ta' persuni barranin illi jkunu immigranti projbiti *ai termini* tal-Kapitlu 217, u dan l-eżerċizzju sar u ser jibqa' jsir b'mod indiskriminatorju u rrispettivament mir-razza, post ta' oriġini u t-twemmin tagħhom.

Għalhekk m'hemm ebda ksur ta' dan l-Artiklu.

**Ebda ksur ta' l-Artiklu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem**

Illi *in linea* preliminari, l-esponenti jeċċepixxu l-inapplikabbilita' ta' l-Artiklu 13 tal-Konvenzjoni in kwantu mhux talli m'hemm ebda vjolazzjoni tal-Konvenzjoni

Ewropea talli fid-dawl tas-suespost ebda Artiklu tal-Konvenzjoni ċitat mir-rikorrent m'hu applikabbli għall-każ odjern.

Illi *di piu'*, ir-rikorrenti qiegħed jallega b'mod vag il-vjolazzjoni ta' l-Artiklu 13 tal-Konvenzjoni mingħajr ma jindika ma ressaq ebda allegazzjoni jew ilment f'dan is-sens.

L-esponenti jirrilevaw illi r-rikorrent għandu rimedju effettiv quddiem l-*Immigration Appeals Board* illi huwa stess qiegħed juża, liema proċeduri għadhom pendenti u għalhekk din il-kawża kostituzzjonali hija waħda ntempestiva *stante* li r-rimedju ordinarju u effettiv għadu ma ġiex eżawrit mir-rikorrent.

*Di piu'*, il-Qrati nostrali għandhom il-ġurisdizzjoni residwali li r-rikorrenti għandu a disposizzjoni tiegħu u li huma ta' rimedju effettiv.

Għalhekk m'hemm ebda ksur ta' dan l-Artiklu.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

Rat l-atti proċesswali.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet ta' l-intimat.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Jannar, 2009 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar dawn l-eċċezzjonijiet.

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel eċċezzjoni hija li r-rikorrent qiegħed jabbuża mill-istess kostituzzjonali *stante* li huwa qed jadopera proċedura straordinarja bħal dik odjerna meta kellu għad-disposizzjoni tiegħu rimedji ordinarji biex iħares id-drittijiet pretiżi minnu.

Din l-eċċezzjoni qed issir peress li r-rikorrent, meta ġie rinfaċċjat mit-tneħħija ta' l-*Exempt Person Status*, appella quddiem l-hekk imsejjaħ *Immigration Appeals Board* u kif jidher mill-istess rikors promotur dan l-appell għadu pendenti. Allura l-intimati qed jeċċepixxu li l-Qorti għandha tiddeklina milli tkompli tisma' r-rikors *ai termini* tal-*proviso* wara l-Artiklu 46 (2) tal-Kostituzzjoni, u dak 4 (2) tal-Kapitlu 319.

Il-*proviso* indikat mill-intimati jgħid eżattament hekk: "*Iżda l-Qorti tista' jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dan is-sub-artiklu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.* 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta – l-Artiklu 4 (2) tal-Kapitlu 319 jgħid l-istess ħaġa.

Din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet Dr. Mario Vella vs Joseph Bannister nomine (7 ta' Marzu, 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi proċedenti, qalet fost affarijiet oħra:

"*Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim'Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*

*a. Meta hu ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara l-ordinarji jiġu esawriti jew meta m'humiex disponibbli;*

*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' ta' l-ewwel Qorti kkonferita mill-Artiklu 46 (2) tal-Kostituzzjoni;*

*c. Kull każ għandu fattispeċje partikolari tiegħu;*

*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li m'għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;*

*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni.*"

L-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet Philip Spiteri vs Sammy Meilaq (8 ta' Marzu, 1995) qalet ukoll li: "*Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f'xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx rimedju ħlief kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni.*" F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma "*komplessa*" jiżdied il-kliem "*jew inkella mħallta*".

Issa fil-każ in eżami r-rikorrenti mhux talli għandu mezz biex jattakka l-ordni li bih tneħħilu l-i*status* ta' persuna eżenti iżda tant jaf bih illi addirittura eżerċitah u d-deċiżjoni dwar dak l-eżerċizzju għadha mhux magħrufa. L-argument tar-rikorrenti li r-rimedju li għandu huwa nċert kif ngħidu bl-Ingliż *begs the question* għaliex kull proċediment ġudizzjarju jew kważi ġudizzjarju għandu eżitu inċert. L-istess dwar il-biża' tiegħu li kif appena jiġi deċiż l-appell jitneħħa minn Malta. Dan l-argument huwa għal kollox ipotetiku u ma jistax jiġi kkunsidrat b'serjeta' mill-Qorti. Fuq kollox, jekk jiġri kif qiegħed donnu jipprospetta u jkun sokkombenti fl-appell tiegħu, ir-rikorrenti mbagħad jista' jipproċedi jekk iħoss li nkisrulu d-drittijiet fundamentali tiegħu u normalment ma jittieħdu ebda passi drastiċi fil-konfront tiegħu sakemm dawk il-

proċeduri jiġu deċiżi, għalkemm huwa minnu ġieli kien hemm eċċezzjonijiet spjaċevoli għal din ir-regola. Il-Qorti għalhekk tħoss li għandha tiddeklina li tkompli tisma' l-kawża kif ser tagħmel. Stabbilit dan ma hemmx lok li l-Qorti tikkunsidra t-tieni eċċezzjoni wkoll.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimati u tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha *ai termini* ta' l-Artiklu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artiklu 4 (2) tal-Kapitlu 319. L-ispejjeż a kariku tar-rikorrent.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------